# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2773

Kaz Numru 3938/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

S.R.G.N. Company Limited

u

Marlon Garcia (236773A)

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 29 t'Ottubru, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 28 ta' Jannar, 2021 permezz ta' l-Avukat Stephanie Abela u l-Avukat Jacob Portelli f'isem is-socjeta' S.R.G.N. company Ltd kif rapprezentata mis-Sinjura Victoria Debono (K.I. nr 303094M). Min-naha l-ohra l-intimat is-Sur Marlon Garcia ma pprezenta l-ebda risposta ghal dan ir-rikors pero', permezz ta' l-Avukat tieghu Ryan Ellul kien informa lit-Tribunal li l-intimat kien mar il-Filippini u ghaldaqstant kien talab terminu sabiex idahhal risposta. It-Tribunal akkorda tliet gimghat sabiex l-intimat jipprezenta risposta izda risposta qatt ma

dahlet. Wara din is-seduta jigifieri fis-seduti sussegwenti dik tad-9 ta' Lulju u dik tat-8 ta' Ottubru 2021, ma kien deher hadd ghall-intimat.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mil-Ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

L-intimat kien impjegat mas-socjeta' rikorrenti bhala Sushi Chef b'kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit ta' sentejn, liema kuntratt igib id-data tat-22 ta' Mejju 2020. Gara li s-Sur Garcia telaq l-impjieg tieghu qabel iz-zmien miftiehem u ghalhekk is-socjeta' S.R.G.N. Company Ltd talbet il-hlas li allegattament huwa dovut lejha f'dan ir-rigward.

**Fatti tal-Kaz**

Is-Sur Garcia kien impjegat fuq kuntratt definit ta' sentejn mit-22 ta' Mejju, 2020 fir-rwol ta' Sushi Chef. Fir-rikors taghha s-socjeta' rrappurtat li s-Sur Garcia kien telaq il-post tax-xoghol qabel iz-zmien stipulat fil-kuntratt ta' l-impjieg. Is-socjeta' zzid, li minhabba f'hekk, talbet lit-Tribunal biex is-Sur Garcia jhallas l-ammont dovut lejha li kieku s-Sur Garcia onora z-zmien kollu tax-xoghol li hu kien dovut li jipprovdi sa l-ahhar tal-kuntratt ta' l-impjieg. Is-socjeta' tispjega li s-somma dovuta hija dik ta' sebat elef, erbgha mija u tmintax-il ewro u disgha u sebghin ewro centezmu (€7418.79).

Is-socjeta' tkompli tirrapporta li kienet ghamlet attentat biex isir ftehim mas-Sur Garcia dwar kif u meta kellu jsir il-hlas dovut lis-socjeta'. Dan effettivament sar permezz ta' kuntratt bil-kitba li jgib id-data 22 ta' Dicembru, 2020. Dan il-kuntratt jindika li s-somma mifthema biex tithallas lura lis-socjeta' tnaqqset minn (€7,418.79) ghal hamest'elef (€5,000). Dan il-kuntratt juri zewg firem fuq it-tlett pagni tieghu pero' t-Tribunal ma kellu l-ebda mod kif jivverifika l-awtenticita' tal-firem filwaqt li l-ispazju rizervat ufficjalment ghal firem, per se, baqa vojt.

Is-socjeta’ tkompli tirrapporta fir-rikors taghha li l-hlas miftiehem bejn il-partijiet skont il-kuntratt imsejjah “Payment Plan” tat-22 ta’ Dicembru, 2020 effettivament qatt ma sar mill-intimat.

Ghaldaqstant is-socjeta’ talbet lil dan it-Tribunal biex jiddikjara illi l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta’ rikorrenti is-somma ta’ sebat elef, erbgha mija u tmintax-il ewro u disgha u sebghin ewro centezmu (€7418.79) jew somma ohra verjuri rapprezentanti nofs is-salarju kollu li kien ikun dovut li kieku baqa jahdem ghall-bqija taz-zmien tal-impjieg tieghu mas-socjeta’ rikorrenti skont il-kuntratt ta’ l-impjieg tat-22 ta’ Mejju, 2020. Illi t-Tribunal jordna wkoll it-tali hlas isir mis-Sur Garcia lis-socjeta’ rikorrenti S.R.G.N Company Limited.

Min-naha l-ohra, l-intimat is-Sur Marlon Garcia minkejja li gie notifikat diversi darbiet biex jidher quddiem it-Tribunal, dan baqa ma deher qatt. Anqas ma kien ipprezenta rikors, kif kien wieghed l-avukat Ryan Ellul b’risposta ghar-rikors miftuh mis-socjeta’ S.R.G.N Company Limited. Is-seduti skedati jgibu d-dati tal-21 ta’ Mejju, 9 ta’ Lulju u 8 ta’ Ottubru, 2021. Ghaldaqstant it-Tribunal kellu verzjoni wahda biss fuqhiex jimxi, dik tal-kumpanija.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ra l-kuntratt ta’ l-impjieg bid-data 22 ta’ Mejju, 2020, innota li dan il-kuntratt kien wiehed ghal zmien definit, innota li z-zmien stipulat ta’ sentejn mid-data ta’ Mejju 2020 kien ghadu ma’ ghaddix, ra ukoll l-artiklu 36 (12) tal-kap 452 fejn jipprovdi rimedju ghal sitwazzjonijiet bhal dawn.

Kien innotat ukoll il-fatt li l-intimat baqa ma pprezenta l-ebda rikors b’risposta u naqas milli jidher quddiem it-Tribunal meta notifikat u dan minghajr ma t-Tribunal inghata raguni. Ghaldaqstant il-kaz kien kontumaci.

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tas-socjeta' u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li l-intimat is-Sur Marlon Garcia kiser il-kuntratt definit ta' impjieg li kellu mas-socjeta S.R.G.N. Company Limited u ghaldaqstant ghandu fid-dawl ta' l-artiklu 36 (12) tal-kap 452 ihallas lura lis-socjeta' s-somma ta' sebat elef, erbgha mija u tmintax-il ewro u disgha u sebghin ewro centezmu (€7418.79) fi zmien tlettax (13) -il gimgha minn din id-decizjoni.

**Kumpens**

L-ispejjez tal-kawza taz-zewg partijiet huma a karigu ta' l-intimat, s-sur Marlon Garcia.

**(iffirmata)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju